C/2026/5946

9.11.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12678 – ARES / EQT / STATERA JV ASSETS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/5946)

1. Fis-27 ta' Ottubru 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Ares Management Corporation ("Ares", l-Istati Uniti), ikkontrollata minn Ares Partners Holdco LLC (l-Istati Uniti),

— Statera Operating Holdings Limited ("Statera", ir-Renju Unit), ikkontrollata minn EQT AB, ("EQT", l-Iżvezja),

— Statera Opco Holdings Limited ("Statera JV Assets", ir-Renju Unit), ikkontrollata minn Statera.

Ares u EFMS se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikoli 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Statera JV Assets.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Ares hija maniġer globali tal-investimenti alternattivi bbażata fl-Istati Uniti li toffri lill-klijenti soluzzjonijiet ta' investiment primarji u sekondarji komplementari fil-klassijiet tal-assi tal-kreditu, tal-proprjetà immobbli, tal-ekwità privata u tal-infrastruttura,

— Statera hija kumpanija involuta fis-settur tal-enerġija tar-Renju Unit, li tiffoka fuq il-ħżin tal-batteriji u l-ġenerazzjoni flessibbli tal-enerġija. Il-kumpanija hija attiva wkoll fis-swieq għal teknoloġiji flessibbli oħra tal-enerġija, inkluż il-ħżin idroelettriku ppumpjat u l-produzzjoni tal-idroġenu ekoloġiku. EFMS hija l-maniġer tal-fond ta' investiment alternattiv ta' EQT Infrastructure VI, fond ta' investiment privat li jifforma parti mill-grupp ta' fondi ta' investiment EQT. EFMS hija proprjetà esklużiva ta' EQT AB (l-Iżvezja). Il-kumpaniji tal-portafoll tal-fondi EQT huma attivi f'varjetà ta' industriji u pajjiżi fiż-ŻEE u globalment.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-assi ta' Statera JV huma: madwar 1.9 GW ta' sistemi ta' ħżin tal-enerġija tal-batteriji operattivi u li qegħdin jinbnew ("BESS") u assi ta' ġenerazzjoni flessibbli mħaddma bil-gass ("Flex-gen"), li kollha jinsabu fir-Renju Unit. L-attivitajiet tagħha jikkonsistu (i) fil-ħżin tal-elettriku u (ii) fil-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi mhux rinnovabbli. Statera JV Assets tbigħ l-elettriku, il-kapaċità ta' ħżin u s-servizzi ta' flessibbiltà biss fis-swieq bl-ingrossa u tal-ibbilanċjar tar-Renju Unit. Hija ma tipprovdix l-elettriku lill-klijenti finali.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) jenħtieġ jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12678 — ARES / EQT / STATERA JV ASSETS

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË